

Brussell, 19 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9146/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0571 (APP)**

**CADREFIN 211
FIN 662
POLGEN 118**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (2028-2034) <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

1. Fil-kuntest tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Ewropa Waħda, Suq Wieħed, iffirmata fl-24 ta' April 2026 f'Nikosija, it-tliet istituzzjonijiet ħadu l-impenn li jiksbu Ewropa Waħda, Suq Wieħed, f'konformità mal-oġġettivi stipulati mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2026, permezz ta' progress deċiżiv fl-2026 u, għall-ħames elementi kostitwenti strateġiċi li ġejjin, sa mhux aktar minn tmien l-2027: (1) is-simplifikazzjoni tar-regoli; (2) Suq Uniku aktar integrat, inkluż billi jitneħħew l-għaxar ostakli l-aktar dannużi; (3) il-promozzjoni ta' kummerċ b'saħħtu; (4) it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni; u (5) spinta lit-trasformazzjoni diġitali u tal-IA. L-adozzjoni f'waqtha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 hija ta' importanza kruċjali għal dawn l-oġġettivi kollha – għandha l-għan li tappoġġa r-riformi, iżżid l-integrazzjoni u l-espansjoni transfruntiera, timmobilizza l-investment pubbliku u privat, u ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tikkompeti globalment.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-QFP li jmiss tkopri diversi elementi li ser jappoġġaw l-integrazzjoni tas-Suq Uniku. Dawn jinkludu: a) il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu l-investment u r-riformi li jindirizzaw l-ostakli għas-Suq Uniku; b) il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, imfassal biex jappoġġa l-industriji u t-teknoloġiji strateġiċi; c) il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li ser tiffinanzja l-infrastruttura transfruntiera; d) strumenti mmirati bħall-Programm tas-Suq Uniku u d-Dwana, li jiffukaw fuq l-infurzar, l-istandardizzazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva; u e) Ewropa Globali, li tfittex li tiżviluppa sħubijiet esterni bħala mod kif tavvanza l-interessi strateġiċi tal-Unjoni.
3. B'mod ġenerali, baġit aktar sempliċi, aktar immirat u aktar flessibbli jista' jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-effettività tal-miżuri relatati mas-Suq Uniku.
4. Hekk kif in-negozjati dwar il-QFP 2028-2034 qed jimxu 'l quddiem, il-Ministri huma mistiedna jirriflettu dwar kif il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE jista' javvanza l-integrazzjoni tas-Suq Uniku.
 - a) Kif jistgħu l-QFP propost u l-istrumenti tiegħu jintużaw b'mod strateġiku biex jiġu indirizzati l-ostakli li fadal għas-Suq Uniku, kemm permezz ta' investimenti kif ukoll permezz ta' riformi?
 - b) Kif jistgħu l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet baġitarji jirrispondu b'mod effettiv għax-xejriet u l-isfidi ekonomiċi li qed ifiġġu fis-Suq Uniku, u jiżguraw li l-QFP jappoġġa l-evoluzzjoni li għaddej minnha u jimmassimizza l-potenzjal tiegħu?